



Brussell, 28 ta' Frar 2022  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2022/0001(NLE)

---

6254/22  
ADD 1

VISA 30  
MIGR 49  
COASI 37

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni parżjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir  
– Dikjarazzjoni minn Malta

---

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

Malta tagħraf li abbażi tas-sejbiet tal-Kummissjoni Ewropea jidher li hemm kwistjonijiet ta' sigurtà dwar kif qed jitwettqu l-proċessi ta' ċittadinanza b'investiment f'Vanuatu u li s-sospensjoni tal-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir kif proposta mill-Kummissjoni Ewropea hija ġġustifikata għal tali raġunijiet. Dan huwa b'mod partikolari fid-dawl tan-nuqqas ta' proċessi rigorużi ta' diliġenza dovuta, li għandhom ikunu karakteristika essenziali ta' kwalunkwe skema ta' ċittadinanza b'investiment. Madankollu, Malta tfakkar fis-sovranità tal-Istat dwar kwistjonijiet ta' ċittadinanza.